MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2003

Citazzjoni Numru. 1828/1996/1

**Ernest Gauci**

**vs**

**Avukat Christoper Cilia u l-Prokuratur Legali Paul Saliba, nominati b'digriet tas-27 ta' Gunju 1996 kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-eredita` gjacenti ta' Roy Francis Adkins**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-30 ta' Mejju 1996 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta:

Illi l-attur, habib sew tad-decujus, kien gie inkarigat sabiex jixtri bicca art gewwa l-Madliena, kif jidher mid-dokument

A in atti tan-nutar George Bonello DuPuis datat 19 ta’ Ottubru 1984;

Illi sussegwentement, l-attur kien gie nkarigat sabiex jibni villa fuq din l-art u jimlija bl-ghamara;

Illi mal-moghdija taz-zmien, l-attur ta prestazzjonijiet ohra lid-decujus bhal xiri ta’ ‘motorboat’ u hallas ukoll ghall-akkomodazzjoni tieghu meta kien jigi Malta;

Illi l-attur u d-decujus kellhom fl-ahharnett jaghmlu il-kontijiet sabiex jigu rifuzi dawk l-ammonti kollha mhallsa minn l-attur pero’ gara illi miet d-decujus u ghalhekk baqa’ kollox pendenti;

Illi l-attur kien dahal f’kuntatt ma wlied id-decujus sabiex jithallas l-ammonti lilu dovuta izda, ghalkemm dawna jridu jhallsuh ta’ dak kollu li l-attur ghamel ghal missierhom, il-prezunti eredi tad-decujus qatt ma ressqu id-dokumenti ta’ “probate” minnhom mitluba sabiex, l-attur ikun zgur li huwa qieghed jitratta mal-eredi skond il-ligi;

Illi  l-attur ma jistax ikompli f’dan l-istat ta’ fatt u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Talab li din il-Qorti:

1. Tiddikjara l-konvenuti debituri lejn l-attur ghall-ammonti kollha maghmula u mhallsa ghan-nom taghhom kif fuq premess;

2. Tillikwida l-ammont dovut mill-konvenuti lill-attur occorrendo n-nomina ta’ periti komputisti;

3. Tikkundanna l-konvenuti jhallsu lill-attur l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjes u bl-imghax kontra l-konvenuti li gew ngunti ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti kuraturi deputati fejn qalu:

Illi f'dan l-istadju huma mhumiex edotti mill-fatti u jirrizervaw id-dritt li jipprezentaw nota tal-eccezzjonijiet fi stadju ulterjuri anke wara li jkunu ghamlu l-accertamenti opportuni;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;
Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Jigi qabel xejn osservat li tul il-pendenza ta' dawn il-proceduri l-kuraturi deputati ma rnexxilhomx jistabilixxu kuntatt ma' l-eredi ta' Roy Francis Adkins ghalkemm jirrizulta li sar kuntatt mal-konsulenti legali ta' certu John Hannam. Skond id-dokument ta' *probate* esebit a fol. 138 tal-process jidher li l-amministrazzjoni ta' l-eredita` ta' Roy Francis Adkins giet fdata f'idejn dan John Hannam, ghalkemm jidher li r-rilaxx ta' tali dokument gie kondizzjonat: *"limited until the original will or a more authentic copy thereof be proved"*. Fi kwalunkwe kaz mill-ahhar ittra tal-konsulenti legali ta' John Hannam lill-kuratur deputat l-Avukat Dottor Chris Cilia u datat it-23 ta' Novembru 2001 jirrizulta li l-ahar kuntant li kellhom mal-klijent taghhom kien f'Lulju 1997 u li *"he has not been heard from since that date"* (ara ittra esebita mill-kuraturi deputati permezz ta' nota tat-23 ta' Jannar 2002). F'dawn ic-cirkostanzi l-unici provi li tressqu kienu dawk ta' l-attur, minbarra l-kontro-ezami li saret lill-attur mill-kuratur deputat l-Avukat Dottor Chris Cilia stess.

L-attur ipprezenta affidavit tieghu stess u xehed fis-seduta tas-26 ta' Settembru 2001. Ipprezenta wkoll rapport ta' l-A.I.C. Rene` Buttigieg u diversi dokumenti in sostenn tal-pretensjoni tieghu. L-A.I.C. Buttigieg xehed u kkonferma r-rapport imhejji minnu.

L-attur qal li kien jahdem il-lukanda Dragonara u hemm sar jaf lil Roy Francis Adkins u saru hbieb. Dan Adkins thajjar jixtri bicca art biex jibni dar f'Malta. Ghazel bicca art il-Madliena u nnomina lill-attur bhala prokuratur tieghu

biex jidher fuq l-att ta' akkwist. L-attur qal li wara x-xiri ta' l-art, introduca lil Adkins lill-Perit Edwin Abela li ghamel pjanta tad-dar li giet approvata minn Adkins li nkariga lill-attur biex jiehu hsieb il-bini tad-dar. L-attur ghamel diversi spejjez hu minghajr ma gie rimborzat ghalihom. Qal ukoll l-attur li sahansitra hallaslu l-kontijiet tal-lukanda meta Adkins kien jigi Malta u anke hallas ghall-*motorboat* li ried dan Adkins. L-attur ikkonferma wkoll li hallas ghall-*furnishings* u ghamara fl-istess dar skond l-ircevuti esebiti, bhalma hallas ukoll kull sena ghac-cens fuq l-art.

Annessa mar-rapport ta' l-A.I.C. Rene` Buttigieg hemm lista tal-pretensjonijiet ta' l-attur (Dok. RB1). Dwar l-ispejjez konnessi mad-dar, l-A.I.C. Rene` Buttigieg ikkonferma jew varja s-segwenti (in-numri jirrapprezentaw in-numri rispettivi fil-lista Dok. RB1):

| | | | |
|---|---|---|---|
| Kostruzzjoni | - | numru 3 | Lm22,500 |
| | | numru 48 | 2,500 |
| Aluminium | - | numri 6 u 40 | 3,279 |
| Irham | - | numri 41, 42 u 43 | 2,600 |
| Injam | - | numru 46 | 3,000 |
| Madum (ceramika) | - | numru 17 | 657.99 |
| Madum (ta' l-art) | - | numru 34 | 3,459.06 |
| Elettriku | - | numru 47 | 1,077 |
| Plumbing | - | numru 47 | 884 |
| Xoghlijiet varji | - | numru 8 | 3,405.49 |
| Drenagg | - | numru 22 | 370 |
| Bir (twittija) | - | numru 44 | 330 |

Bir (thaffir u bini) - numru 50
860
Qtugh ta' blat ('93) - numru 51
1,000
Bini ta' hajt - numru 52
750
Qtugh ta' blat ('87) - numru 53
2,400
Kisi u tikhil - numru 7
1,071.97
Bajjad - numru 21
1,955
Materjal (re: ilma) - numri 27
36.26
Materjal (re: ilma) - numru 25
97
Materjal (re: elett.) - numru 33
120
Kcina - numru 39
1,930
Garage door - numru 32
87
PAPB - numru 5
1,137.38
Perit Abela - numru 18
40
Perit Abela - numru 4
1,350
Enemalta - numru 28
50
Akkwist ta' l-art - numru 1
4,000
Boll - numru 1
156
Senserija - numru 49
200
Cens 1984 sa 1995 - numru 2
1,200

-----------------

Total ta' …………………………………………………
Lm62,503.15

Jigi osservat li n-numru 15 fuq il-lista Dok. RB1 hija biss ripetizzjoni tan-numru 5 fuq l-istess lista. Rigward in-numru 1, u cioe` l-akkwist ta' l-art, effettivament mill-kopja tal-kuntratt esebita b'nota tal-5 ta' Novembru 2003 jirrizulta li l-prezz kien ta' Lm4,000 u mhux Lm9,000 kif indikat fil-lista Dok. RB1. Dwar in-numri 11, 13, 16, 19, 20, 26, 29 u 30, bl-istess nota tal-5 ta' Novembru 2003 gew esebiti kopji ta' rcevuti in sostenn tal-pretensjonijiet elenkati fin-numri rispettivi. Kwantu ghan-numru 11, u cioe` l-akkwist tad-dghajsa, giet esebita kopja ta' rcevuta dwar hlas ta' assikurazzjoni fuq l-istess dghajsa mnejn jirrizulta li d-dghajsa giet assikurata ghall-prezz ta' Lm8,000. Din tikkorrobora x-xiehda guramentata u mhux kontradetta ta' l-attur dwar l-infieq tieghu ghal Roy Francis Adkins u li ghalih ma giex rizarcit. Rigward in-numru 13, l-ircevuta esebita bin-nota tal-5 ta' Novembru 2003 tirrigwarda somma ta' Lm2,495.31. Is-somma pretiza mill-attur skond il-lista Dok. RB1 hija ghas-somma inferjuri ta' Lm1,209.77 u ghalhekk se tigi akkolta. In-numru 16 dwar pagamenti lil Angelo Abela hija ghas-somma ta' Lm1,000. Skond il-kopji ta' rcevuti esebiti bl-imsemmija nota pero`, il-pagamenti relattivi jammontaw ghal Lm505. Il-kopji ta' l-ircevuti l-ohra jikkorroboraw in-numri 19, 20, 26, 29 u 30. Mat-total fuq imsemmi ghalhekk ghandhom jizdiedu wkoll is-segwenti:

| | | | |
|---|---|---|---|
| Assikurazzjoni | - | numri 9 u 10 | Lm 297.10 |
| Id-dghajsa | - | numru 11 | 8,000.00 |
| R.L.R. Ltd. | - | numru 12 | 96.68 |
| Hlas lukanda | - | numru 13 | 1,209.77 |
| Hlas lukanda | - | numru 14 | 3,132.91 |
| Angelo Abela | - | numru 16 | 505.00 |
| Balbi | - | numru 19 | 280.00 |

Barthet - numru 20
105.00
Calbros - numru 23
525.00
The Village - numru 24
90.00
Cachia - numru 26
2,025.00
Fravel - numru 29
570.00
Fravel - numru 30
430.00
Flamingo - numru 31
561.00
Big Ben - numru 35
70.00
J.B. Stores - numru 36
12.00
J.B. Stores - numru 37
250.00
Ideas Ltd - numru 38
310.00
Doneo Co. Ltd. numru 45
235.00
----------------
Total ta' ……………………………………………… Lm18,704.46

Mat-totali fuq imsemmija l-Qorti hi tal-fehma li ghandha tizdied is-somma ta' Lm114 li l-A.I.C. Buttigieg indika fir-rapport tieghu ghat-twahhil tal-meter ta' l-ilma kif ukoll ghandha tizdied is-somma ta' Lm800 cens ghall-perijodu 1995 sa 2003.

B'hekk is-somma komplessiva li ghandha tithallas lill-attur hija maghmula hekk:

Lm 62,503.15
18,704.46
114.00
800.00

-----------------
Lm 82,121.61
-----------------
Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici u ghalhekk:

1. Tiddikjara lill-konvenuti nomine debituri lejn l-attur ghall-ammonti kollha mhallsa kif fuq indikat,

2. Tillikwida l-ammont dovut mill-eredita` giacenti ta' Roy Francis Adkins fis-somma ta' Lm82,121.61, u

3. Tikkundanna lill-istess eredita` kif rapprezentata mill-kuraturi deputati thallas lill-attur din is-somma ta' Lm82,121.61 bl-imghax millum.

Bl-ispejjez kontra l-istess eredita` giacenti ta' Roy Francis Adkins kif rapprezentata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------